**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru : 270/15 AL

**AB**
**-vs-**

**Avukat Martin Fenech u l-PL Louisa Tufigno gew nominati b'digriet tas-6 ta' Awissu 2015 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti**
**CB Kl nru 609155 M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) (Ara Dok. A li qieghed jigi hawn anness ma' dan ir-rikors) u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Nathalie Pace Asciak fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tmienja

u disghin (1998) (Ara Dok B) li qieghed jigi hawn anness ma' dan ir-rikors ghalhekk, il-partijiet qabzu z-zmien rikjest mill-Ligi ta' erba' (4) snin;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut stante li l-partijiet kienu ddekadew milli jitolbu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha jecepixxu :

1. Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri;
2. Illi irid jigi stabbilit jekk l-esponenti jaf fejn jghix l-intimat;
3. Salv risposta ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Awissu, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lir-rikorrenti tixhed fis-sens illi ma ghandha l-ebda hjiel fejn jinsab l-assenti Raymond Borg u ma ghandha l-ebda mod kif tista tikkomunika mieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Dicembru 1998 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.